# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law)
**MAGISTRAT**

Illum: 5 ta' April 2001.

640/98

Il-Pulizija;
(Spettur Paul Camilleri)
vs
Christopher Polidano.

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-imputat Christopher Polidano ta' 19-il sena bin Carmel u Virginia nee Micallef imwieled Pieta u residenti 89, Triq San George, Qormi, ta' karta ta' identita numru 269679(M) mixli talli fil-21 ta' Awissu ghal habta ta' xi 7.OOpm fi Triq Tal-Handaq, Qormi:

(1) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Diego Borg minn Hal-Qormi f'perikolu car, ikkaguna ferita gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Diego Borg skond kif iccertifikat Dr Marcel Schembri MD tac-Centru tas-Sahha, Qormi w dan bi ksur ta' l-Artikolu 214 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gab difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem (kisser sinna) ta' l-istess Diego Borg u dan bi ksur ta' l-Artikolu 218(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni w l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal imsemmi Diego Borg sabiex jinsulentah, iwegghu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qabad strument li jaqta u bil-ponta (turnavit) kontra Diego Borg u dan bi ksur ta' 1'Artikolu 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil pubbliku kliem indecenti w oxxen, liema kliem kienu jikkonsistu f'dagha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Ligijiet ta' Malta;

(7) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil kliem insulta u hedded lil Diego Borg u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-att tar-rinviju tal-Avukat Generali (folio 80) li biha deherlu li mill-atti tal-kumpilazzjoni setghet tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub fl-artikoli minnu hemm citati fil-konfront tal-imputat w iddecieda kif hemm mahsub fl-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali li jibghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni minn naha tal-imputat b'dan pero li qabel tisma’ kull prova ohra li ggib il-pulizija.

Rat li ebda prova ohra ma giet prodotta mill-pulizija u li 1imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema’ u tigi deciza minn dina l-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;
Semghet ix-xhieda;
Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat huwa akkuzat primarjament li kkaguna ferita ta' natura gravi. Gie wkoll akkuzat b'diversi kontravenzjonijiet taht l-Artikolu 338 u 339 tal-Kap 9.

Dwar li l-incident meritu dina l-kawza verament sehh bejn 1-imputat u Diego Borg m'hemm ebda dubbju.

Jirrizulta wisq car mill-provi li f id-data, post u hin imsemmija fl-akkuza waqt li Polidano kien qieghed jirranga van ta' missieru ghand il-mekkanik inzerta li ghadda minn hemm Diego Borg. Inizjalment dan Borg waqaf u t-tnejn indirizzaw xi diskors lill xulxin izda sussegwentement meta l-istess Borg rritorna lura gew fl-idejn. Hawnhekk kellhom jigu mifruda minn xulxin mill-mekkanik u persuna ohra li dak l-hin inzertat fejn il-garaxx. Dawn l-ahhar zewg persuni xehdu f 'dawn il-proceduri u xhieda taghhom tasserixxi l-htija ta' l-imputat fl-offizi li jirrigwardaw l-kontravenzjonijiet prospettati fl-Artikolu338(bb) u (dd) u 339(e) tal-Kap 9.

Dwar l-akkuza principali x-xhieda hija karenti dwar l-ezistenza ta ' xi ferita gravi ghalkemm mix-xhieda ta ' Charles Xuereb (folio 39) hu deducibbli li xi feriti kien hemm. Fin-nuqqas ta' prova univoka l-feriti ghandhom jigu kunsidrati bhala hfief u f'din 1istanza, stante l-verbal reciproku ta' rinunzja (folio 65), l-akkuza hi estinta.

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi issib l-imputat hati biss kif gej u cioe` talli fil-jum, hin u lok indikati -.

(1) volontarjament kiser il-bon ordni w l-paci pubblika; (2) hedded bil-kliem lil Diego Borg u ghalkemm provokat hareg il-barra mil-limiti tal-provokazzjoni; (3) qal fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen;

Rat fir-rigward l-Artikolu 338(bb)(dd), 339(e) u 17 (d) tal-Kap 9 u tikkundannah multa komplessiva ta' Lm50. Tilliberah mill-kumplament ta' l-akkuzi.

A. M. Trigona,
Magistrat.

Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment ir-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert Calleja,
Dep. Registratur.